

AD 12/15

LIMITE

CONF-RS 1

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
Kapitolu 35: Kwistjonijiet oħra
Punt 1: Normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo*

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu 35: Kwistjonijiet Oħra

Punt 1: Normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mas-Serbja dwar l-Adeżjoni (CONF-RS 1/14), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma li esprimew is-Serbja jew l-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati mhi ser tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet li ntlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiċi, anki daww parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jintlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;
- l-avvanz tan-negozjati tal-adeżjoni tas-Serbja mal-UE ser ikunu ggwidati mill-progress tas-Serbja fit-tnejn għall-adeżjoni, li ser titkejjel b'mod partikolari abbażi tal-impenn kontinwu tas-Serbja lejn titjib viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet mal-Kosovo, kif ukoll abbażi tar-rekwiżiti l-oħra li jinsabu f'punt 23 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tinkoraġġixxi lis-Serbja biex tkompli turi impenn fit-twassil ta' riżultati u progress fit-tlestija tal-ħidma ta' implimentazzjoni kif ukoll biex taħdem lejn progress ulterjuri fin-normalizzazzjoni.

L-UE tinnotta li s-Serbja, fil-pożizzjoni tagħha (CONF-RS 2/14) iddikjarat li peress li tifhem b'mod sħiħ li l-proċess ta' adeżjoni tal-UE u l-proċess ta' normalizzazzjoni għandhom jimxu b'mod parallel u jappoġġaw lil xulxin, is-Serbja ser tibqa' impenjata kompletament għall-kontinwazzjoni tal-proċess ta' normalizzazzjoni u d-djalogu tagħha ma' Pristina.

Dan il-kapitolu ma jissostitwixxi id-djalogu bejn Belgrad u Pristina imwettaq taħt l-awspiċi tar-Rappreżentant Għoli. Għaldaqstant, il-Kapitolu 35, Kwistjonijiet oħra, Punt 1: In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo ser tkun ir-rabta bejn dan id-Djalogu u n-negozjati tal-adeżjoni.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali tat-tħejjijiet tas-Serbja, l-UE tinnota li, bil-ftehim li s-Serbja trid, filwaqt li taġixxi in bona fide, tkompli tagħmel progress fil-ħidma ta' implimentazzjoni u tagħmel aktar progress fil-proċess ta' normalizzazzjoni, is-Serbja tista' titqies bħala ppreparata biżżejjed f'dan l-istadju għal negozjati dwar dan il-Kapitolu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, jirrakkomandaw il-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mas-Serbja dwar il-Kapitolu 35 – Kwistjonijiet oħra, Punt 1: Normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo.

Is-Serbja għandha tiżgura li tlesti l-parti tagħha tal-ħidma dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tal-25 ta' Awwissu 2015, b'mod partikolari dwar l-istabbiliment tal-Assoċjazzjoni/il-Komunità ta' municiċipalitajiet b'maġġoranza Serba fil-Kosovo kif ukoll l-elementi l-oħra tal-ewwel Ftehim ta' April 2013 (pulizija, ġustizzja, protezzjoni ċivili). Barra minn hekk, is-Serbja ser tiffinalizza l-impenji li fadlilha taħt il-Ftehimiet Tekniċi preċedenti. Fl-aħħar nett, is-Serbja għandha timpenja ruħha biex jintlaħqu aktar ftehimiet, filwaqt li tmexxi 'l quddiem in-normalizzazzjoni in bona fide, bil-ħsieb li twassal gradwalment għan-normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo, f'konformità mal-qafas ta' negozjar.

F'konformità ma' dan il-qafas ta' negozjar, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ser jimmonitorjaw mill-qrib u b'mod kontinwu li s-Serbja tissodisfa l-ewwel sett li ġej ta' punti ta' riferiment interim u tirraporta "tal-anqas darbtejn fis-sena", dwar din il-kwistjoni, lill-Kunsill.

Sabiex jittieħed kont ta' żviluppi futuri fid-Djalogu, dan l-ewwel sett ta' punti ta' riferiment interim ser jiġi aġġornat, kif adatt.

Jekk il-progress fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo jaqa' lura b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-progress fin-negozjati ġenerali, minħabba li s-Serbja tonqos milli taġixxi in bona fide, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet li ntlaħqu bejn is-Serbja u l-Kosovo, il-Kummissjoni ser tipproponi fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' terz mill-Istati Membri, f'konformità mal-punt 25 tal-qafas ta' negozjar, li żżomm lura milli tirrakkomanda l-ftuħ u/jew l-għeluq ta' kapitoli oħra ta' negozjati, u ser tadatta l-ħidma ta' tħejjija assoċjata, kif adatt, sakemm jiġi indirizzat dan l-iżbilanċ.

1. Implimentazzjoni tal-Ewwel Ftehim (April 2013) u l-pjan ta' implimentazzjoni ta' Mejju - Ftehimiet dwar l-Enerġija u t-Telekomunikazzjoni

Dwar l-elezzjonijiet

- Is-Serbja ma tkomplix tiffinanzja u tappoġġa l-istrutturi Serbi (jiġifieri kunsilli muniċipali interim, persunal muniċipali interim) sabiex tiffinalizza u tikkonsolida amministrazzjonijiet muniċipali f'konformità mal-liġi tal-Kosovo;
- Is-Serbja tinkoraġġixxi r-rispett sħiħ tal-leġislazzjoni tal-Kosovo mill-awtoritajiet muniċipali tal-Kosovo ta' Fuq, b'mod partikolari dwar l-akkwist u l-kwistjonijiet miftuħa li fadal mill-Istatuti muniċipali (jiġifieri l-użu ta' timbri u insinja muniċipali f'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli tal-Kosovo).

Dwar l-Assoċjazzjoni/il-Komunità ta' muniċipalitajiet b'maġġoranza Serba fil-Kosovo

- Is-Serbja tikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni tal-proċess (l-abbozzar tal-Istatut), fi ħdan l-iskadenzi maqbula u f'konformità mal-liġi tal-Kosovo, l-Ewwel Ftehim u l-Ftehim tal-25 ta' Awwissu 2015;
- Is-Serbja tiżgura t-trasparenza tal-finanzjament tagħha lill-Assoċjazzjoni/il-Komunità ta' muniċipalitajiet b'maġġoranza Serba fil-Kosovo.

Dwar il-Pulizija

- Is-Serbja tipprovdi informazzjoni trimestrali dwar il-pagament tal-benefiċċji tal-pensjoni lill-uffiċjali tal-pulizija preċedenti tagħha li issa huma integrati fil-Pulizija tal-Kosovo, kif adatt, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Kosovo.

Dwar il-Ġustizzja

- Is-Serbja tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv fl-ilħuq ta' qbil dwar il-persunal tal-appoġġ ġudizzjarju u l-bini
- Is-Serbja tikkonferma t-tmiem tal-mandat tal-persunal ġudizzjarju kollu tagħha li għad irid jiġi integrat;

- Is-Serbja tippromulga leġislazzjoni speċjali dwar l-istituzzjoni ġudizzjarja Serba fil-Kosovo kif previst fil-Liġi Serba dwar is-siġġijiet u l-ġurisdizzjonijiet territorjali tal-Qrati u l-Uffiċċji tal-Prosekuturi
- Is-Serbja tipprovdi informazzjoni trimestrali dwar il-pagament tal-benefiċċji tal-pensjoni għall-persunal ġudizzjarju integrat tal-kunsilli ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni tal-Kosovo, kif adatt.

Dwar il-Protezzjoni Ċivili

- Is-Serbja tadotta r-regolamenti neċessarji dwar il-waqfien tal-pagament tas-salarji u l-ġhoti ta' mezzi finanzjarji għall-protezzjoni ċivili fil-Kosovo.

Dwar l-Arranġamenti ta' kollaborazzjoni

- Is-Serbja tkompli tirrispetta b'mod konsistenti d-dispożizzjonijiet għall-iskambju taż-żjarat uffiċjali;
- Is-Serbja tipprovdi l-Uffiċjal ta' Kollegament Serb fi Pristina b'kull appoġġ amministrattiv neċessarju (pereżempju billi tħallasu l-kera għall-bini uffiċjali);
- Is-Serbja taqbel dwar l-apparenza viżwali fuq il-korrispondenza uffiċjali li għad ma ġietx iddeterminata (timbri, simboli u letterheads);
- Is-Serbja tkompli tipprovdi appoġġ fis-sigurtà u aċċess lill-interlokutori Serbi għall-Uffiċjali ta' Kollegament tal-Kosovo fi Belgrad.

Dwar il-Ftehim dwar l-Enerġija

- Is-Serbja tkompli timpenja ruħha fil-proċess ta' normalizzazzjoni bejn l-Operatur tas-Sistema ta' Trasmissjoni tal-Kosovo (KOSTT) u l-kumpanija ta' trasmissjoni Serba (EMS), inkluż bl-iffirmar ta' ftehim ta' interkonnessjoni, u l-appoġġ tal-isħubija tal-KOSTT fl-organizzazzjoni Ewropea, in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trasmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E). Dan il-ftehim għandu jkopri t-territorju kollu tal-Kosovo f'konformità mal-Ftehim dwar l-Enerġija;

- Is-Serbja tistabbilixxi l-kumpanija tal-provvista (li jismha "ElektroSever") fil-Kosovo, u tissodisfa l-kondizzjonijiet taħt il-qafas regolatorju u legali tal-Kosovo sabiex il-kumpanija tingħata liċenzja ta' provvista;
- Is-Serbja tikkontribwixxi biex l-arranġamenti kummerċjali għall-ElektroSever jintlaħqu mal-kumpanija eżistenti ta' distribuzzjoni, biex tkun tista' twettaq servizzi ta' distribuzzjoni;
- Is-Serbja ssolvi l-kwistjoni tal-ġestjoni maħtura mis-Serbja tal-impjant ta' Gazivode/Ujmani.

Dwar il-Ftehim dwar it-Telekomunikazzjoni

- Is-Serbja tistabbilixxi l-kumpanija tat-telekomunikazzjoni bħala sussidjarja tas-Serbja Telekom, u tissodisfa l-kondizzjonijiet taħt il-qafas regolatorju u legali tal-Kosovo sabiex il-kumpanija tingħata liċenzja tat-telefonija fissa;
- Is-Serbja tirrispetta l-kalendarju u kull wieħed mill-passi maqbula li jistabbilixxu proċess parallel bejn l-allokazzjoni ta' kodiċi internazzjonali bi 3 numri lill-Kosovo mal-ġhoti ta' awtorizzazzjoni temporanja għall-operazzjonijiet mobbli eżistenti fil-Kosovo;
- Is-Serbja timpenja ruħha fil-proċess ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji tat-telekomunikazzjoni;
- Is-Serbja tagħti l-kunsens tagħha, kif meħtieġ, lill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT) li talloka l-kodiċi internazzjonali bi 3 numri lill-Kosovo, kif ukoll it-test tal-bullettin tal-UIT li ntlaħaq qbil dwaru fil-Pjan ta' Azzjoni.

2. Ħidma ta' implimentazzjoni fuq il-Ftehim dwar Djalogu Tekniku Marzu 2011-Frar 2012

Dwar kwistjonijiet doganali

- Is-Serbja tindirizza l-kwistjoni tal-eżistenza ta' strutturi amministrattivi doganali Serbi li ġew rilokati u għandhom denominazzjoni tal-Kosovo;
- Is-Serbja ma tkomplex toħroġ dokumentazzjoni jew twaħħal timbri b'denominazzjonijiet li jmorru kontra l-obbligi Serbi taħt il-qbil tas-17 ta' Jannar 2013.

Dwar l-IBM u l-punti ta' qsim konġunti

- Is-Serbja tiffinalizza l-istabbiliment tal-punti ta' qsim kollha;
- Is-Serbja tipproċessa talbiet għall-Assistenza Legali Reċiproka;
- Is-Serbja ttejjeb il-kontroll u/jew tagħlaq toroq alternattivi u toroq bid-dawra (by-passes) biex tiżgura użu esklużiv tal-punti ta' qsim uffiċjali għall-merkanzija u l-persuni deħlin fil-Kosovo jew ħerġin minn hemm;

Dwar il-Libertà ta' Moviment

- Is-Serbja tippermetti d-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-Serbja mill-Kosovo;
- Is-Serbja timplimenta l-arranġamenti tal-pjanċi tal-liċenzja fil-Kosovo ta' Fuq għar-residenti tal-Kosovo.

Dwar il-Libertà ta' Moviment/Il-Pont ta' Mitrovica

- Is-Serbja tappoġġa pubblikament l-implimentazzjoni tal-Ftehim konkluż fil-25 ta' Awwissu 2015, b'mod partikolari l-iskeda tiegħu li twassal għall-ftuħ tal-pont ta' Mitrovica għat-traffiku kollu sas-sajf/mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju 2016;
- Is-Serbja tirrispetta l-iskadenzi fl-arranġamenti tal-25 ta' Awwissu 2015.

Dwar il-kooperazzjoni reġjonali

- Is-Serbja tippermetti, min-naħa tagħha, il-parteċipazzjoni effettiva tal-Kosovo fl-inizjattivi reġjonali li fadal, f'konformità mat-termini li ntlaħaq qbil dwarhom b'mod konġunt;
- Is-Serbja tappoġġa l-inklużjoni tar-rappreżentanti tal-Kosovo fl-istrutturi tal-ġestjoni u l-amministrazzjoni tal-organizzazzjonijiet reġjonali, dment li jiġu osservati l-prinċipju tal-mertu, l-analiżi komparattiva u t-Termini ta' Referenza speċifiċi.

Dwar ir-rikonoxximent ta' Diplomi Universitarji

- Is-Serbja timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-Kosovo dwar proċedura konsistenti sabiex jinkisbu r-riżultati maħsuba mill-Ftehim 2011.

Dwar il-kooperazzjoni mal-Kosovo EULEX

- Is-Serbja tipprovdi appoġġ pubbliku għall-proċess ġudizzjarju mmexxi mill-EULEX, inklużi l-Awliet Speċjalistiċi u l-Uffiċċju għall-Prosekuzzjoni;

3. Aktar ftehimiet u progress fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet

- Is-Serbja tibqa' impenjata lejn id-Djalogu ffaċilitat mill-UE u timpenja ruħha biex tilħaq aktar ftehimiet f'suġġetti/oqsma ġodda, filwaqt li tmexxi 'l quddiem in-normalizzazzjoni in bona fide, bil-ħsieb li twassal gradwalment għan-normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo, f'konformità mal-qafas ta' negozjar.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument adatt.
